MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 560/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**ROBERT DIMECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Robert Dimech ta’ 40 sena, bin Emanuel u Rita nee’ Saliba, mwieled fis- 6 ta’ Ottubru 1971, residenti C5, Flt 5, Triq it- Taqghtiha, Zebbug u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 440171M;

Talli;
1) fil- lejl ta’ bejn is- 27 ta’ Mejju 2012 u t- 28 ta’ Mejju 2012 gewwa Hal- Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €250 ghad- detriment ta’ Julie Galdes u/ jew perusni ohra;

2) aktar talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi, kif ukoll qabel u/jew wara gewwa Hal- Qormi, garr il' barra minn xi fond jew id- dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil- ponta liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il- Kummissarju tal- Pulizija;

3) ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, datata 25 ta' Mejju 2012 moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi l-arma indikata, mus tal-but, fiha xafra ta' kejl anqas minn tminn centimetri, u ghalhekk ma kienetx mehtiega licenzja tal-Pulizija ghall-garr ta' dik l-istess arma;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti hi ferm perplessa li l-imputat, li jumejn biss qabel l-incident mertu ta' din il-kawza, kien instab hati minn qorti u nghata sentenza ta' prigunerija sospiza. Di fatti, ghalkemm kien hemm l-ammissjoni tal-imputat mal-qari tal-akkuzi u mal-esami bla gurament tal-istess imputat, din il-Qorti ma tatux il-helsien mill-arrest preventiv, izda ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront tal-istess imputat, sabiex tkun tista' tikkalibra l-piena. Inoltre, apparti dan ir-rapport, il-Qorti semghet lill-parti leza, is-siehba tal-imputat, li stqarret li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali, fejn hu rinunzjabbli.

In vista tar-rapport maghmul mill-Ufficjal tal-Probation, u in vista tar-rinunzja tal-parti leza, il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex iddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza fil-konfront tal-imputat, izda ghandha thalliha hekk sospiza, anke peress illi t-terminu ta' erba' snin bil-kemm beda ghaddej. Il-Qorti ser tikkonsidra sanzjoni fil-komunita' hekk kif proposta fir-rapport tal-Ufficjal.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin u mitt (100) siegha servizz fil- komunita' ai terminu tal- Artikolu 18 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------